MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2009

Numru 509/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**versus**

**Angodej Micallef**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Angodej Micallef ta' 46 sena, iben Lorenzo u Pauline nee' Debattista, mwieled Floriana nhar il-15 ta' Jannar 1963, detentur tal-karta ta' identita bin-numru 124163M u residenti gewwa 9, Triq Guliermu, Bormla.

1. Akkuzat talli fit-22 ta' Mejju 2009, ghall-ħabta ta' 20:00hrs, ġewwa il-fond numru 9 Triq Guliermu Bormla, inġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq il-persuni ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li

kienu jgħamlu jew minħabba li kienu jgħamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PS 440 Kenneth Vella, PS 856 Conrad Falzon u PC 215 Clint Zahra, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jaġixxu għal eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita kompetenti.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħebb għall-persuna ta' PS 440 Kenneth Vella, PS 856 Conrad Falzon u PC 215 Clint Zahra u kkaġunalhom feriti ta' natura ħafifa skond ma ċċertifikaw Dr. Chris Muscat u Dr. Kenneth Vassallo MD taċ-ċentru tas-saħħa Raħal Ġdid u Floriana.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi volontarjament ħebb għall-persuna ta' martu Grace Micallef u ibnu Justin Micallef u kkaġunalhom feriti ta' natura ħafifa skond ma ċċertifika Dr. Chris Muscat taċ-centru tas-saħħa Raħal Ġdid.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi u fix-xhur ta' qabel hedded lil martu Grace Micallef b'arma tan-nar u kif ukoll bi kliem.

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi qal kliem oxxen fil-pubbliku billi offenda lil PS 440 Kenneth Vella, PS 856 Conrad Falzon, PC 215 Clint Zahra u martu Grace Micallef.

7. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi kiser il-paċi pubblika b'għajjat, storbju u ġlied.

8. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi m'obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Pulizija

9. U aktar talli fit-22 ta' Mejju 2009 u fis-snin ta' qabel din id-data ġewwa Bormla u ġewwa dawn il-gżejjer kelllu fil-pussess tiegħu arma u/jew imitazzjoni ta' arma mingħajr il-liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi l-kunsens tal-avukat ġenerali u dak tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri ikunu sommarji (fol 39 u 18 rispettivament), iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 1241 tal-1963, il-fedina penali tal-imputat (fol 11 sa 15), l-istqarrija tal-imputat (fol 22), iċ-ċertifikat tat-tobba (fol 26 sa 32), l-elenku tal-affarijiet elevati minn għand l-imputat (fol 33 et), il-*current incident report* (fol 35 et), u l-Ordni ta' Protezzjoni għal mart l-imputat li u għal ibnu a fol 17.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.
Rat l-ammissjoni tal-imputat għall-imputazzjonijiet kollha liema ammissjoni huwa kkonferma wara li ngħata ħin biżżejjed biex jahsibha (fol 48).

Rat ukoll li l-imputat skuża ruħu mal-uffiċjali tal-Pulizija għal dak li ġara.

Semgħet lill-mara tal-imputat u lil ibnu Justin jaħfru lill-imputat (fol 49 u 52 rispettivament).

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli difensur.

Stante li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti dawn ġew ippruvati skond il-liġi.

Konklużjoni:

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17(h), 28A, 95(1), 96(a), 22(1)(1), 222(1)(c), 221(1), 222(1)(a), 339(b), 338(bb), 338(m), 338(dd), 338(ee) tal-Kap 9 u l-Artikolu 5(1) u 51(2) Proviso tal-Kap 480 qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih b'dan pero' li l-imputazzjonijiet numru 1, 3, 6, 7, 8 huma assorbiti fl-

imputazzjoni numru 2 u qed tikkundanna lill-imputat għal piena ta’ erba’ xhur priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal 18-il xahar sakemm l-imputat ma jwettaqx xi reat ieħor f’dan il-perjodu u għall-ħlas ta’ multa komplessiva ta’ €748.81 liema multa tista’ titħallas b’rata ta’ €50 fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien erba’ ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament ma jitħallasx, il-bilanċ ikun dovut f’daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f’jum prigunerija għal kull €11.65 li ma jitħallsux.

Il-Qorti fehmet lill-imputat xi jfisser l-artiklu 28A tal-Kap 9.

L-ordni ta’ protezzjoni mahruga fl-1 ta’ Gunju, 2009 għandha tibqa fis-seħħ sa sitt xhur wara din is-sentenza b’dani lli l-imputat ma jistax jhedded lil martu u lil ibnu Justin Micallef.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------